

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Marin-Simion Sut

## Dispożittiv

Il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jīġi interpretat fis-sens li, meta, bħal fil-kawża prinċipali, il-persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà hija residenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u għandha ma' dan tal-aħħar rabtiet familjari, soċċali u professionali, l-awtorită̄ ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', għal kunsiderazzjoni marbuta mal-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà ta' din il-persuna, tirrifxuta li teżżeġwixxi dan il-mandat, anki jekk il-ksur li fuqu huwa bbażat dan il-mandat huwa punibbi, konformement mad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, biss b'multa, peress li, konformement ma' dan l-istess dritt nazzjonali, din iċ-ċirkustanza ma tipprekludix li l-piena li ċċaħħad il-libertà imposta fuq il-persuna mifttxija tiġi effettivament eżegwita f'dan l-Istat Membru, li hija l-qorti tar-rinvju li għandha tivverifika.

<sup>(1)</sup> ĠU C 347, 16.10.2017.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Diċembru 2018 – Mykola Yanovych Azarov vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-530/17 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Listi ta' persuni entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffiżjar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rifikorrent — Deċiżjoni ta' awtorită̄ ta' Stat terz — Obbligu tal-Kunsill li jivverifikasi li din id-deċiżjoni ttieħdet fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva)

(2019/C 65/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Appellant: Mykola Yanovych Azarov (rappreżentanti: A. Egger u G. Lansky, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u F. Naert, aġenti)

## Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Lulju 2017, Azarov vs Il-Kunsill (T-215/15, EU:T:2017:479), hija annullata.
- 2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357 tal-5 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna huma annullati, sa fejn jikkonċernaw lil Mykola Yanovych Azarov.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti kemm fil-proċedura tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 374, 06.11.2017.